# *Għajnsielem fl-Istorja*

## Il-Kappella ta' Sant Elija (Santu Liju)

*Loreto Galea*





Fuq għolja li tħares għal fuq il-pjanura ħadranija ta' malplajja, bejn ix-Xatt l-Aħmar u Mġarr ix-Xini, fiż-żminijiet tal-qedem, kienet teżisti Kappella dedikata lil Sant' Elija, u llum wara tant snin, fuq din l-għolja hekk imsejħa ta' Sant Elija ma baqa' ebda ħjiel ta' din il-kappella.

Sa madwar mitt sena ilu, fi żmien il-kappillan Mizzi, kienet għadha teżisti speċi ta' devozzjoni tan-nies tar-raħal lejn dan il-qaddis profeta. L-ommijiet kienu jieħdu trabi morda tagħhom fuq il-fdal tal-kappella (kif kienu jemmnu u jgħidu huma) il-qaddis ibiddel ix-xorti u jagħti s-saħħa lil dawn it-trabi. Fejn il-kappella kienu jidfnu l-ħrieqi u ħwejjeġ oħra tat-tarbija. Bil-mod il-mod din id-devozzjoni li kellha element ta' superstizzjoni spiċċat għal kollox.

Skond riċerka li għamel is-sur Paul Grech din il-kappella ġiet mibnija fejn id-dar ta' ċertu Raimondo Mannuch, mid-duttur Mannuch. Il-bini tagħha jissemma fl-atti ta' Giovanni Domenico Formosa tal-4 ta' Lulju 1592. Din il-kappella ġiet ipprofonata darbtejn fl-1657 u fl-1668. Kellha wkoll ċimiterju tagħha u fil-festa ta' Sant Elija li taħbat fl-20 ta' Lulju, kienu jitqassmu tnax-il tomna qamħ lill-fqar, li wara ġew imnaqqsin għal erba'.

Fl-istess kappella kien hemm statwa tal-injam ta' Sant' Elija li ġiet meħuda fil-knisja tax-Xewkija, billi f' dak iż-żmien l-inħawi kienu jagħmlu max-Xewkija. Jingħad li ras din l-istatwa għaddiet għand xi familja mix-Xewkija. L-istatwa kienet damet fil-knisja tax-Xewkija għal żmien twil ħafna sakemm fuq inkarigu ta' Dun Luċjan Vella ġiet mibdula mal-istatwa ta' Sant'Elija li hemm fuq l-artal tal-qaddis. Meta x-Xewkija saret parroċċa, il-kapitlu tal-matriċi , illum il-Katidral, kien żamm id-dritt li juża l-artal ta' Sant'Elija biex hemm jiċċelebra l-quddies u jagħmel il-purċissjoni bir-relikwija tal-qaddis.




